SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

15 ta' April 2010 *

Fil-Kawża C-485/08 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, ippreżentat fil-11 ta' Novembru 2008,

Claudia Gualtieri, residenti fi Brussell (il-Belġju), irrappreżentata minn P. Gualtieri u M. Gualtieri, avukati,

appellanti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn J. Currall, bħala aġent, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, E. Levits (Relatur), M. Ilešič, J.-J. Kasel u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: R. Grass,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tinqata' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, C. Gualtieri qed titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (li mill-1 ta' Diċembru 2009 saret il-Qorti Ġenerali) tal-10 ta' Settembru 2008, Gualtieri vs Il-Kummissjoni (T-284/06,

iktar ’il quddiem is-“sentenza appellata”), li biha din tal-aħħar ċaħdet it-talba tagħha sabiex dik il-qorti:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, tal-5 ta’ Settembru 2005, li ċaħditilha l-allowance ta’ kuljum ta’ EUR 107.10, kif ukoll l-allowance ta’ kull xahar ta’ ammont ta’ EUR 321.30;

— tannulla d-deċiżjoni tat-30 Jannar 2006 li permezz tagħha l-Kummissjoni ċaħdet l-ilment tagħha kontra d-deċiżjoni tal-5 Settembru 2005;

— tannulla l-komunikazzjonijiet kollha tal-Kummissjoni ta’ kull xahar dwar id-determinazzjoni tal-allowances ta’ residenza dovuti lilha;

— prinċipalment, tikkundanna lill-Kummissjoni tħallasha l-allowances li hija tqis li huma dovuti lilha, u dan mill-1 ta’ Jannar 2004, billi tittieħed inkunsiderazzjoni ż-żieda fl-ammonti tal-imsemmija allowances wara d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2004) 577, tas-27 Frar 2004, li tistabbilixxi r-regoli applikabbli għall-esperti nazzjonali ssekondati sabiex jaħdmu mas-servizzi tal-Kummissjoni, u sussegwentement id-Deċiżjoni C (2005) 872, tat-22 ta’ Marzu 2005, li temenda d-Deċiżjoni C (2004) 577;

— sussidjarjament, tikkundanna lill-Kummissjoni tħallasha l-allowances li hija tqis li huma dovuti lilha mit-2 ta’ Frar 2005 jew, iktar sussidjarjament, mill-4 ta’ Lulju 2005, u dan sal-31 ta’ Diċembru 2005;

— tikkundanna lil-Kummissjoni għall-ispejjeż.

I — Il-kuntest ġuridiku

2 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2002) 1559, tat-30 ta' April 2002, dwar is-sistema applikabbli għall-esperti nazzjonali ssekondati sabiex jaħdmu mas-servizzi tal-Kummissjoni, kif emendata bid-Deċiżjoni C (2003) 406, tal-31 ta' Jannar 2003 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ENS"), tipprovdi, fl-Artikolu 1(1) u (2) tagħha:

"1. Din is-sistema hija applikabbli għall-esperti nazzjonali ssekondati [iktar 'il quddiem il-'ENS'] lill-Kummissjoni [...] minn amministrazzjoni pubblika nazzjonali, reġjonali jew lokali. […]

2. Il-persuni koperti minn din is-sistema jibqgħu fis-servizz ta' min iħaddimhom matul il-perijodu ta' sekondar u għandhom jibqgħu jitħallsu minn dan li jħaddimhom." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

3 Skont l-Artikolu 17(1) tad-deċiżjoni ENS:

"L-ENS huwa intitolat, għall-perijodu tas-sekondar tiegħu, għall-allowance ta' residenza ta' kuljum. Jekk id-distanza bejn il-post ta' reklutaġġ u l-post ta' sekondar hija ta' jew inqas minn 150 km, l-allowance hija ta' EUR 26.78. Jekk id-distanza taqbeż il-150 km, l-allowance hija ta' EUR 107.10". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

4 L-Artikolu 17(2) tad-deċiżjoni ENS jipprovdi l-għoti ta' allowance fix-xahar li l-ammont tagħha jiddependi fuq id-distanza bejn il-post tar-residenza u l-post ta' sekondar.

5 L-Artikolu 20 tad-deċiżjoni ENS huwa fformulat kif ġej:

"1. Għall-finijiet ta' din is-sistema, huwa kkunsidrat bħala post ta' residenza, il-post fejn l-ENS eżerċita l-funzjonijiet tiegħu għall-persuna li tħaddmu immedjatament qabel is-sekondar tiegħu. Il-post ta' assenjazzjoni tax-xogħol huwa l-post fejn jinsab id-dipartiment tal-Kummissjoni fejn l-ENS huwa assenjat. Dawn il-postijiet huma msemmija fl-iskambju ta' ittri riferiti fl-Artikolu 1(5).

[...]

3. Il-post ta' residenza għandu jkun il-post ta' sekondar [fil-każijiet li ġejjin]:

[...]

b) jekk, meta ssir it-talba għal sekondar tal-Kummissjoni, il-post ta' sekondar huwa l-post ta' residenza prinċipali tal-konjuġi jew tat-tifel/tifla (tat-tfal) dipendenti tal-ENS.

Għal dan il-għan, l-ENS li jirrisjedi f'distanza ta' jew inqas minn 150 km mill-post ta' sekondar huwa kkunsidrat li joqgħod f'dan il-post." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

6 Id-deċiżjoni ENS ġiet sussegwentement emendata bid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C (2004) 577, tas-27 ta' Frar 2004, C (2005) 872, tat-22 ta' Marzu 2005, u C (2005) 3608, tal-21 Settembru 2005. Din ġiet mħassra bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2006) 2033, tal-1 ta' Ġunju 2006, dwar ir-regoli applikabbli għal esperti nazzjonali ssekondati sabiex jaħdmu mas-servizzi tal-Kummissjoni.

II — Il-fatti li wasslu għall-kawża

7 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma spjegati kif ġej fil-punti 6 sa 13 tas-sentenza appellata:

"6 Ir-rikorrenti, Claudia Gualtieri, maġistrat fl-Italja, ħadmet mal-Kummissjoni bħala ENS mill-1 ta' Jannar 2004 sal-31 ta' Diċembru 2005.

7 Wara li rċeviet mir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Taljana għall-Unjoni Ewropea d-dokumenti meħtieġa għas-sekondar, il-Kummissjoni bagħtet lir-Rappreżentant Permanenti ittra, li waslet għand id-destinatarju tagħha fil-11 ta' Novembru 2003, li informatha li d-dispożizzjonijiet tad-[deċiżjoni ENS] ikunu applikabbli għar-rikorrenti u li hija ser tirċievi, għaldaqstant, allowance ta' kuljum ta' EUR 107.10 kif ukoll, skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 17 ta' din id-deċiżjoni, allowance fix-xahar ta' EUR 321.30.

8 Ftit jiem wara li r-rikorrenti bdiet il-funzjonijiet tagħha bħala ENS, id-Direttorat Ġenerali 'Persunal u Amministrazzjoni', permezz ta' ittra tad-9 ta' Jannar 2004, informa lir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Taljana li r-rikorrenti kellha tirċievi biss allowance ta' kuljum ta' EUR 26.78 minflok EUR 107.10 kif kien imħabbar qabel, peress li Brussell kien il-post ta' residenza tal-konjuġi tagħha fis-sens tal-Artikolu 20(3) tad-deċiżjoni ENS.

9 Mit-2 ta' Frar 2005, ir-rikorrenti għexet separatament minn żewġha u ttraseferiet id-domiċilju tagħha għal indirizz ġdid fi Brussell. L-att ta' divorzju, stabbilit bi ftehim reċiproku skont id-dritt Belġjan, ġie ppreżentat fit-tribunal de première instance de Bruxelles (Qorti Ġenerali ta' Brussell), fl-4 ta' Lulju 2005, u s-sentenza ngħatat fit-13 ta' Jannar 2006.

10 Permezz ta' talba mressqa fis-6 ta' Lulju 2005, ir-rikorrenti, waqt li rreferiet għas-separazzjoni bejnha u r-raġel tagħha, talbet lill-Kummissjoni għall-ħlas ta' allowances ta' kuljum ta' EUR 107.10 u tal-allowance fix-xahar li hija stmat li huma dovuti lilha mill-inqas mit-2 ta' Frar 2005.

11 Fil-5 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba, billi bbażat ruħha fuq l-argument li l-residenza tar-rikorrenti, fis-sens tal-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni ENS, kienet ġiet stabbilita fi Brussell waqt it-talba tagħha għal sekondar.

12 Permezz ta' nota tas-17 ta' Ottubru, 2005, ir-rikorrenti ressqet ilment skont l-Artikolu 27 tad-deċiżjoni ENS, kif emendata bid-Deċiżjoni [tal-Kummissjoni] C (2005) 872, tat-22 ta' Marzu 2005.

13 Permezz ta' deċiżjoni tat-30 Jannar 2006, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-ilment kien tressaq skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej, iżda ċaħditu, billi bbażat ruħha b'mod partikoalri fuq il-fatt li, 'l-post

ta' reklutaġġ [kien ġie] stabbilit fil-post ta' residenza tal-persuna kkonċernata waqt it-talba għal sekondar [mal]-Kummissjoni, ma [kienx] hemm bżonn [ta] rikunsiderazzjoni tad-deċiżjoni wara tibdil eventwali taċ-ċirkustanzi personali ta' [l-persuna kkonċernata]'. [...]"

III — Il-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

8 Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fit-30 ta' April 2006, ir-rikorrenti ppreżentat rikors intiż sabiex jilqa' t-talbiet imsemmija fil-punt 1 ta' din is-sentenza.

9 Permezz ta' digriet tad-9 ta' Ottubru 2006, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) iddeċieda li r-rikorrenti, bħala ENS, ma kinitx aġent tal-Komunitajiet Ewropej fis-sens tal-Artikolu 236 KE. Għaldaqstant, hija ddikjarat ruħha inkompetenti *ratione personae* sabiex tiddeċiedi fuq il-kwistjoni u, skont l-Artikolu 8(2) tal-Anness I tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet il-kawża lill-Qorti Ġenerali sabiex din tal-aħħar tiddeċiedi l-kawża.

10 Wara li l-Qorti Ġenerali rrilevat li, skont il-Kummissjoni, ir-rikors huwa ammissibbli biss sa fejn huwa intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tat-30 ta' Jannar 2006 u jikkonċerna r-rifjut tal-ħlas tal-allowances kollha ta' residenza fis-sens tal-Artikolu 17 tad-deċiżjoni ENS dwar il-perijodu bejn is-17 ta' Awissu u l-31 ta' Diċembru 2005 (jew bejn is-6 ta' Mejju u l-31 ta' Diċembru 2005), il-Qorti Ġenerali qieset li huwa opportun, għal raġunijiet ta' ekonomija tal-ġudizzju, li tiddeċiedi l-ewwel il-kwistjonijiet ta' mertu, u b'hekk tiċħad ir-rikors fuq il-mertu, biex b'hekk jiddispensha milli teżamina l-kwistjonijiet relatati mal-ammissibbiltà tar-rikors.

11 Qabel kollox il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ewwel motiv tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali fl-applikazzjoni tad-deċiżjoni ENS.

12 B'hekk, b'risposta għall-argument tar-rikorrenti, li jgħid li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 141 KE billi rrifjutat li tħallasha, wara s-separazzjoni tagħha, l-ammont sħiħ ta' allowance previst fl-Artikolu 17 tad-deċiżjoni ENS, minħabba li, waqt it-talba tagħha għal sekondar, kienet miżżewwġa lil persuna residenti fi Brussell, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, fil-punt 29 tas-sentenza appellata, li d-deċiżjoni ENS ma tagħmel ebda distinzjoni bejn l-ENS irġiel u dawk nisa u li l-applikazzjoni tagħha ma tista' tkun sors tal-ebda diskriminazzjoni minħabba s-sess.

13 Fil-punt 30 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, l-allowances inkwistjoni ma humiex remunerazzjoni, kif ammettiet ir-rikorrenti stess fis-seduta.

14 Fil-punt 31 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-rikorrenti dwar il-ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali bbażat fuq l-istatus taż-żwieġ, billi ddeċidiet li "il-mekkaniżmu tal-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni ENS huwa applikabbli darba għal dejjem għal kwalunkwe ENS, kemm jekk huwa mhux miżżewweġ kemm jekk huwa miżżeweġ", u li "Kummissjoni ġustament ikkunsidrat li r-rikorrenti, meta talbet għas-sekondar, ma kinitx ġiet iddiskriminata meta mqabbla ma' ENS mhux miżżewweġ, sa fejn l-istatus ġuridiku taż-żwieġ tar-rikorrenti, dak ta' mara miżżewġa, kien distint minn dak ta' persuna mhux miżżewġa." Wara li fakkret li "minn ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li bħala regola ġenerali ż-żwieġ ma huwiex komparabbli mal-konkubinaġġ jew ma' sitwazzjonijiet oħra ta' fatt, peress li waħda mill-karatteristiċi essenzjali ta' żwieġ hija li joħloq obbligi legali speċifiċi, differenti minn dawk ta' kwalunkwe status ieħor", il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, barra minn hekk, li "skont l-atti tal-proċess, ir-rikorrenti baqgħet miżżewġa matul il-perijodu ta' sekondar tagħha, peress li d-divorzju ġie ddikjarat biss f'Jannar 2006."

15 Sussegwentement il-Qorti Ġenerali kkunsidrat it-tieni motiv tar-rikorrenti, ibbażat fuq l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni ENS, imqajma skont l-Artikolu 241 KE. Hija ċaħdet din l-eċċezzjoni, billi rrilevat, fil-punti 36 u 37 tas-sentenza appellata, li r-rikorrenti sempliċement spjegat l-imsemmi motiv b'mod astratt ħafna fl-atti tagħha, mingħajr ma tispeċifika preċiżament f'hiex jikkostitwixxi l-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza li hija tallega u mingħajr lanqas ma tiżviluppa iktar dan il-motiv waqt is-seduta, u dan minkejja t-talba magħmula f'dan is-sens mill-Qorti Ġenerali.

16 Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-tielet motiv tar-rikorrenti, ibbażat fuq il-ksur, mill-Kummissjoni, tal-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, billi rrilevat, fil-punti 42 u 43 tas-sentenza appellata, li l-informazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni lir-rikorrenti, permezz tar-Rappreżentanża Permanenti tar-Repubblika Taljana, kienet kuntrarja għall-formulazzjoni stess tad-deċiżjoni ENS, u ma tiħux inkunsiderazzjoni l-istatus tar-rikorrenti, jiġifieri dak ta' mara miżżewġa ma' persuna residenti fil-post ta' sekondar fil-mument tat-talba għal sekondar. Il-Qorti Ġenerali fakkret li d-deċiżjoni ENS kienet annessa mal-ittri mibgħuta lir-rikorrenti u kkunsidrat, barra minn hekk, li hija, li għadha taħdem ta' maġistrat, kienet f'pożizzjoni li tevalwa s-sitwazzjoni legali u fattwali.

IV — It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

17 Permezz tal-appell tagħha, l-appellanti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla, interament jew parzjalment, is-sentenza appellata;

— tilqa', interament jew parzjalment, it-talbiet ippreżentati fl-ewwel istanza u fl-appell;

— sussidjarjament, tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali għal kwalunkwe deċiżjoni neċessarja fuq il-mertu, u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi jew, sussidjarjament, għall-ħlas tal-ispejjeż kollha relattivi għall-proċeduri fl-ewwel istanza.

18 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha tiċħad l-appell u tikkundanna lill-appellanti għall-ispejjeż ta' din l-istanza.

V — Fuq l-appell

A — *Fir-rigward tal-appell sa fejn jitlob l-annullament tas-sentenza appellata*

19 Insostenn ta' dan il-kap tat-talbiet, l-appellanti tinvoka żewġ aggravji, ibbażati, rispettivament, fuq żbalji ta' liġi u fuq difetti proċedurali mwettqa mill-Qorti Ġenerali li wasslu għal ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fil-provvista tax-xogħol u fuq motivazzjoni insuffiċjenti taċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 20(3) tad-deċiżjoni ENS.

20 Permezz ta' ittra ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-12 ta' Ottubru 2009, l-appellanti ressqet talba sabiex tipproduċi aggravju ġdid skont l-Artikoli 42(2) u 118 tar-Regoli tal-Proċedura.

1. Fuq it-talba għal produzzjoni ta' aggravju ġdid

a) L-argumenti tal-partijiet

21 L-appellanti ssostni li, wara l-preżentata tar-rikors ta' appell tagħha, il-Kummissjoni, fit-12 ta' Novembru 2008, adottat id-Deċiżjoni C (2008) 6866 finali dwar is-sistema applikabbli għall-esperti nazzjonali ssekondati u għall-esperti nazzjonali f'taħriġ professjonali mad-dipartimenti tal-Kummissjoni (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ENS tal-2008").

22 Din id-deċiżjoni l-ġdida tipprovdi elementi addizzjonali insostenn tat-teżi sostnuta fl-appell, li tgħid li, bejn l-ENS u l-Kummissjoni, ġiet stabbilita relazzjoni ta' xogħol karatterizzata minn rabta ta' subordinazzjoni u li l-allowances riċevuti mill-ENS f'dan il-kuntest għandhom in-natura ta' remunerazzjoni. Barra minn hekk, id-deċiżjoni ENS tal-2008 ma għadx fiha dispożizzjoni li tipprovdi għat-tnaqqis tal-allowance ta' kuljum fil-każ li, meta ssir it-talba għal sekondar, il-post ta' sekondar huwa l-istess bħall-post ta' residenza prinċipali tal-konjuġi jew tat-tfal dipendenti tal-ENS.

23 Il-Kummissjoni, li kienet mistiedna, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 42(2) tar-Regoli tal-Proċedura, sabiex tagħti risposta għall-aggravju ppreżentat mill-appellanti, qieset li t-talba għal produzzjoni ta' aggravju ġdid hija inammissibbli, peress li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tevalwa appell biss abbażi tal-kunsiderazzjonijiet fattwali u legali li saru mill-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, jekk l-appellanti qieset li l-adozzjoni tad-deċiżjoni ENS tal-2008 kienet rilevanti sabiex tevalwa l-każ tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali hija kellha tippreżenta talba għal reviżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, skont l-Artikolu 44 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Artikoli 125 u 126 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

24 Sussidjarjament, il-Kummissjoni sostniet li l-Artikolu 42 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja għandu jiġi interpretat fis-sens li jinkludi kundizzjoni impliċita dwar ir-rilevanza tal-element invokat. Issa, id-deċiżjoni ENS tal-2008 ma jista' jkollha l-ebda impatt fuq is-sitwazzjoni kkostitwita taħt id-deċiżjoni ENS, adottata fl-2002. Barra minn hekk, l-argument tal-appellanti ma għandu ebda bażi fattwali, għaliex id-deċiżjoni ENS tal-2008 żżomm bis-sħiħ id-distinzjoni bejn l-ENS, minn naħa, u l-uffiċjali u l-aġenti tal-Kummissjoni.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

25 L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura ta' appell skont l-Artikolu 118 tal-istess regoli, jipprovdi li l-produzzjoni ta' aggravji ġodda matul il-kawża hija pprojbita sakemm dawn l-aggravji ma jkunux ibbażati fuq punti ta' fatt u ta' liġi li joħorġu matul il-proċedura.

26 F'din il-kawża, l-aggravju bbażat fuq l-adozzjoni tad-deċiżjoni ENS tal-2008, li seħħet matul il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa, fi kwalunkwe każ, inapplikabbli, sa fejn il-legalità ta' att Komujnitarju għandha tiġi evalwata skont il-punti ta' fatt u ta' liġi li jeżistu fid-data li fiha ġie adottat l-att (ara s-sentenzi tas-7 ta' Frar 1979, Franza vs Il-Kummissjoni, 15/76 u 16/76, Ġabra p. 321, punt 7, tas-17 ta' Mejju 2001, IECC vs Il-Kummissjoni, C-449/98 P, Ġabra p. I-3875, punt 87, kif ukoll tat-22 ta' Diċembru 2008, Centeno Mediavilla *et* vs Il-Kummissjoni, C-443/07 P, Ġabra p. I-10945, punti 110 u 111).

27 Fil-fatt, id-deċiżjoni ENS tal-2008, li daħlet fis-seħħ biss fl-1 ta' Jannar 2009, ma tikkostitwixxix leġiżlazzjoni ġdida applikabbli għall-perijodu ta' sekondar tal-appellanti. Għaldaqstant, din id-deċiżjoni ma tikkostiwixxix element rilevanti fil-kuntest tal-eżami tal-appell mis-sentenza appellata li biha l-Qorti Ġenerali wettqet l-evalwazzjoni tal-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni dwar dan is-sekondar.

2. Fuq l-ewwel aggravju, ibbażat fuq nuqqas ta' osservanza tal-prinċipju ta' ugwaljanza

28 L-ewwel aggravju tal-appellanti huma maqsum f'erba' partijiet.

a) Fuq l-ewwel parti tal-aggravju

i) L-argumenti tal-partijiet

29 Permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret l-obbligu ta' motivazzjoni, billi ma ddeċidietx dwar il-pożizzjoni legali tal-ENS, għalkemm din ġiet invokata quddiemha.

30 L-appellanti tallega barra minn hekk li r-rabta ta' subordinazzjoni fir-relazzjoni ta' xogħol bejn il-Kummissjoni u l-ENS ma tistax tiġi ddubitata, peress li r-rabta li l-ENS għandha mal-amministrazzjoni tagħha ta' oriġini għandha tiġi kkunsidrata bħala sospiża għall-perijodu ta' sekondar. L-ENS huwa integrat b'mod sħiħ fl-organizzazzjoni tal-Kummissjoni u jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu għall-benefiċċju esklużiv tagħha.

31 Skont il-Kummissjoni, l-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija inammissibbli. Minn naħa, it-teżi tal-appellanti li biha hija kellha titqies li hija aġent tal-Kummissjoni jimplika neċessarjament il-kontestazzjoni tal-leġittimità tad-deċiżjoni ENS kollha, u, b'mod partikolari, tad-dispożizzjonijiet li jiddikjaraw li ENS jibqa' marbut mal-persuna li tħaddmu oriġinarjament. Issa, dawn id-dispożizzjonijiet ma kinux ġew ikkontestati fil-proċeduri fl-ewwel istanza. Min-naħa l-oħra, hija ma kinitx talbet lill-Qorti Ġenerali tiddeċiedi fuq il-klassifikazzjoni legali tal-istatus professjonali tal-ENS fil-konfront tal-Kummissjoni.

32 Sussidjarjament, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-ewwel parti tal-ewwel aggravju hija ineffettiva peress li ma huwiex neċessarju li jsir magħruf jekk ENS huwiex aġent tal-Kummissjoni sabiex jiġi ddeterminat jekk l-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni ENS, jew il-mod kif dan l-artikolu ġie applikat jikkostitwixxix ksur tal-Artikolu 141 KE jew tal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

33 Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni, għandu jiġi kkonstatat li, permezz tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju, l-appellanti tqajjem żball ta' motivazzjoni tal-Qorti Ġenerali, sa fejn din ma rrispondietx għall-argumenti li qajmet dwar l-istatus legali tal-ENS, u mhux il-leġittimità tad-deċiżjoni ENS. Għalhekk, din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha tiġi miċħuda.

34 Sa fejn il-Kummissjoni tinvoka, fit-tieni lok, l-inammissibbiltà tal-ewwel parti tal-ewwel aggravju għar-raġuni li l-Qorti Ġenerali ma ntalbitx tiddeċiedi fuq l-istatus legali tal-ENS, għandu jiġi rrilevat li mir-replika ppreżentata mill-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali jirriżulta li l-argumenti dwar l-istatus legali tal-ENS ġew fil-fatt invokati quddiemha.

35 Ċertament, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-produzzjoni ta' aggravji ġodda matul il-kawża hija pprojbita, sakemm tali aggravji ma humiex ibbażati fuq punti ta' liġi u ta' fatt li jiġu pprovati matul il-proċeduri.

36 Madankollu għandu jiġi rrilevat li, jekk huwa biss fl-istadju tar-replika li l-appellanti invokat l-argumenti dwar l-istatus legali tal-ENS, għalhekk hija rrispondiet għat-teżi

tal-Kummissjoni, li hemm fir-risposta tagħha ta' din tal-aħħar, li biha l-allowances ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala remunerazzjoni, peress li l-Kummissjoni ma hijiex il-persuna li tħaddem lill-ENS. Fi kliem ieħor, l-appellanti kienet qed turi li r-relazzjoni ta' xogħol bejn il-partijiet hija kkaratterizzata mill-eżistenza ta' rabta ta' subordinazzjoni bejniethom u, konsegwentement, l-allowances irċevuti mill-ENS għandhom jitqiesu li huma remunerazzjoni fis-sens tal-Artikolu 141 KE.

37 B'hekk, l-argumenti dwar l-istatus legali tal-ENS jistgħu jitqiesu li huma amplifikazzjoni tal-aggravju li hija qajmet quddiem il-Qorti Ġenerali dwar il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fl-applikazzjoni tad-deċiżjoni ENS. Issa, mill-ġurisprudenza jirriżulta li aggravju li jikkostitwixxi amplifikazzjoni ta' aggravju li diġà ġie invokat b'mod espliċitu jew impliċitu fir-rikors promotur għandu jitqies li huwa ammissibbli (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Mejju 1983, Verros vs Il-Parlament, 306/81, Ġabra p. 1755, punt 9; tas-26 ta' April 2007, Alcon vs UASI, C-412/05 P, Ġabra p. I-3569, punti 38 sa 40, u tas-17 ta' Lulju 2008, Campoli vs Il-Kummissjoni, C-71/07 P, Ġabra p. I-5887, punt 63).

38 Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tiddikjara li l-kwistjoni tal-klassifikazzjoni legali tal-istatus professjonali tal-ENS fil-konfront tal-Kummissjoni ma ġietx ippreżentata quddiem il-Qorti Ġenerali. Għaldaqstant, it-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà għandha wkoll tiġi miċħuda.

39 Dwar il-mertu, għandu jitfakkar li l-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali hijiex kontradittorja jew insuffiċjenti tikkostitwixxi kwistjoni ta' dritt li tista', bħala tali, tiġi invokata fil-kuntest ta' appell (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-11 ta' Jannar 2007, Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni, C-404/04 P, punt 90, kif ukoll tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM u FIAMM Technologies vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, Ġabra p. I-6513, punt 90).

40 Fil-kuntest tal-appell, l-għan tal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa, b'mod partikolari, li jiġi eżaminat jekk il-Qorti Ġenerali rrispondietx b'mod sodisfaċenti għall-finijiet ta' dritt għall-argumenti kollha invokati mill-appellanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 1998, Baustahlgewebe vs Il-Kummissjoni, C-185/95 P, Ġabra p. I-8417, punt 128; tad-29 ta' April 2004, British Sugar vs Il-Kummissjoni, C-359/01 P, Ġabra p. I-4933, punt 47, kif ukoll tat-28 ta' Ġunju 2005, Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P, Ġabra p. I-5425, punt 244).

41 Madankollu, hekk kif osservat kemm-il darba l-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu, għall-Qorti Ġenerali, li timmotiva s-sentenzi tagħha ma jistax jiġi interpretat li jimplika li din kienet marbuta li twieġeb fid-dettall għal kull argument invokat mill-appellanti, b'mod partikolari jekk dan l-argument ma jkunx ta' natura suffiċjentment ċara u preċiża (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-6 ta' Marzu 2001, Connolly vs Il-Kummissjoni, C-274/99 P, Ġabra p. I-1611, punt 121; tal-11 ta' Settembru 2003, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-197/99 P, Ġabra p. I-8461, punt 81; Technische Glaswerke Ilmenau vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 90, kif ukoll FIAMM u FIAMM Technologies vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 91).

42 F'dan il-każ, kif ġie indikat fil-punt 37 ta' din is-sentenza, l-argument dwar l-istatus legali tal-ENS ġie invokat fil-kuntest tal-aggravju bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza, li jinsab fl-Artikolu 141 KE.

43 Issa, huwa paċifiku li l-Qorti Ġenerali rrispondiet għall-argument ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 141 KE fil-punt 29 tas-sentenza appellata, meta ddeċidiet li d-deċiżjoni ENS ma tagħmel ebda distinzjoni bejn irġiel u nisa u li, għalhekk, l-implementazzjoni ta' din id-deċiżjoni ma tista' tkun sors tal-ebda diskriminazzjoni minħabba s-sess.

44 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kwistjoni dwar l-istatus tal-ENS, u, għaldaqstant, il-possibbiltà li l-allowance riċevut minnha jiġi kklassifikat minnha bħala remunerazzjoni, ma kinitx iktar deċiżiva.

45 Barra minn hekk, huwa biss għall-finijiet ta' kompletezza li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 30 tas-sentenza appellata, li barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, l-allowances inkwistjoni ma jikkostitwixxux remunerazzjoni.

46 L-ewwel parti tal-ewwel aggravju għandha għadaqstant tiġi miċħuda bħala infondata.

b) Fuq it-tieni parti tal-ewwel aggravju

i) L-argumenti tal-partijiet

47 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel aggravju l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li kisret l-obbligu ta' motivazzjoni u li wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet, fil-punt 30 tas-sentenza appellata, li "[b]arrra minn hekk, u fi kwalunkwe każ, kif l-appellanti stess ammettiet waqt is-seduta, l-allowances inkwistjoni ma jikkostitwixxux remunerazzjoni".

48 Fl-ewwel lok, l-appellanti adottat pożizzjoni iktar sfumata, meta rrilevat li, għalkemm il-kontenut tal-Artikolu 17(9) tad-Deċiżjoni C (2006) 2033 jipprovdi li l-allowances ma għandhomx jiġu kkunsidrat bħala remunerazzjonijiet, madankollu ma jistax jiġi eskluż li għandhom mill-inqas parzjalment din in-natura.

49 Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali rrikonoxxiet li l-allowances ma għandhomx l-istess natura bħar-remunerazzjonijiet, u dan mingħajr ma wettqet approfondimenti neċessarji u mingħajr ma ħadet inkunsiderazzjoni dispożizzjonijiet legali oħra, b'mod

partikolari l-Artikolu 141(2) KE, l-Artikolu 63(3) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej, jew ukoll l-Artikolu 19 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' impjegati oħra tal-Komunitajiet Ewropej.

50 Il-Kummissjoni ssostni, fl-ewwel lok, li l-kwistjoni dwar id-dikjarazzjonijiet tal-appellanti fis-seduta tikkostitwixxi kwistjoni ta' fatt li ma tistax tiġi kkontestata fil-kuntest ta' appell, sakemm ma jiġix allegat żnaturament tal-fatti. Issa, tali żnaturament la kien invokat u lanqas ipprovat, peress li l-argument ibbażat fuq in-natura inkompleta tad-dikjarazzjonijiet li jinsabu fis-sentenza appellata ma għandhux portata bħal din.

51 Fit-tieni lok, l-appellanti espressament irrikonoxxiet, fil-punt 77 tal-appell tagħha, li għamlet id-dikjarazzjoni msemmija fil-punt 30 tas-sentenza appellata li biha hija stess ammettiet, waqt is-seduta, li l-allowances inkwistjoni ma jikkostitwixxux remunerazzjoni. L-argumenti tal-appellanti f'dan ir-rigward juru li din tal-aħħar ma attribwietx valur sinifikattiv għal dak li hija ammettiet quddiem il-Qorti Ġenerali u kienet ippreżentat l-osservazzjonijiet l-oħra tagħha bħala sempliċi ipoteżijiet.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

52 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-ilmenti magħmula kontra motivi li saru biss għal motivi ta' kompletezza ta' sentenza tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din is-sentenza u b'hekk huma ineffettivi (sentenza Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 148, kif ukoll id-digrieti tat-23 ta' Frar 2006, Piau vs Il-Kummissjoni, C-171/05 P, punt 86, u tad-9 ta' Marzu 2007, Schneider Electric vs Il-Kummissjoni, C-188/06 P, punt 64).

53 Issa, kif intqal fil-punt 45 ta' din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali, fil-punt 30 tas-sentenza appellata, għamlet il-konstatazzjoni kkontestata mill-appellanti għall-finijiet ta' kompletezza meta mqabbel ma' dak li ġie deċiż fil-punt 29 tal-imsemmija sentenza. Dan jirriżulta wkoll mill-użu tal-fraża "barra minn hekk" fil-bidu tal-imsemmi punt 30.

54 Għaldaqstant, it-tieni parti tal-ewwel aggravju tidher li saret kontra motiv li sar biss għal finijiet ta' kompletezza tas-sentenza appellata u, għaldaqstant, anki jekk ikun fondat, ma hijiex tali li twassal għall-annullament ta' din id-deċiżjoni.

55 Għalhekk, it-tieni parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda bħala ineffettiva.

c) Fuq it-tielet parti tal-ewwel aggravju

i) L-argumenti tal-partijiet

56 Permezz tat-tielet parti tal-ewwel aggravju, minn naħa, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li eżaminat l-eżistenza ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, għalkemm hija ma kinitx invokat din id-diskriminazzjoni, iżda riedet tipprova, billi tfakkar il-dispożizzjonijiet kollha fis-seħħ, l-eżistenza ta' prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju li jgħid li, għal provvista ta' xogħol identiku, ir-remunerazzjonijiet għandhom ikunu identiċi.

57 Min-naħa l-oħra, l-interpretazzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali twassal għal diskriminazzjoni fil-konfront tal-familja legali, peress li l-koppji miżżewġa biss, u mhux il-koppji *de facto*, irrispettivament mill-grad ta' stabbiltà tagħhom fiż-żmien, ikunu koperti.

58 Issa, l-ewwel nett, l-istatus ta' żwieġ ma jkunx biżżejjed sabiex jiġġustifika d-differenza ta' trattament li sar. Għall-kuntrarju, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni attwali ta' kull koppja, sitwazzjoni li tkun l-istess għall-koppji miżżewġa u dawk li jgħixu bħala koppji *de facto*, peress li fiż-żewġ każijiet hemm għajnuna ekonomika reċiproka u solidali kif ukoll kontribuzzjoni ugwali għall-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-ħajja flimkien.

59 It-tieni nett, bħalissa hemm tendenza qawwija li l-koppji *de facto* jkunu assimilati maż-żwieġ fil-leġiżlazzjoni ta' Stati Membri differenti. Konsegwentement, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li ma taċċettax l-ugwaljanza bejn iż-żwieġ u l-koppji *de facto*, għandha tiġi rriveduta, tal-inqas fil-qasam tax-xogħol, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-dritt Komunitarju, b'mod partikolari tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1d(1) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej, u fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li tirrikonoxxi l-benefiċċji ta' protezzjoni tal-ħajja tal-familja, li tinsab fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 Novembru 1950, ukoll għall-familji *de facto*.

60 Fit-tielet lok, in-natura diskriminatorja tad-differenza fir-remunerazzjoni bbażata fuq l-istatus ta' żwieġ tirriżulta mill-fatt li l-Kummissjoni ma tnaqqasx l-allowances meta ENS jiżżewweġ, wara d-dħul tiegħu fis-servizz, ma' persuna residenti fi Brussell jew meta l-konjuġi ta' ENS, wara s-sekondar ta' dan tal-aħħar, ibiddel il-post ta' residenza tiegħu għal Brussell.

61 Fl-aħħar u r-raba' nett, l-appellanti tipprova turi l-inkonsistenza tal-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, sa fejn din l-istituzzjoni semmiet li l-istatus ta' żwieġ tal-ENS kien l-uniku kriterju reali u definittiv li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni tal-ammont ta' allowances ta' kuljum li għandhom jitħallsu, peress li huwa kontra l-prinċipju ta' semplifikazzjoni li jiġu eżaminati sitwazzjonijiet speċifiċi, inklużi s-sitwazzjonijiet ta' koppji *de facto*, iżda fl-istess ħin, il-Kummissjoni kienet allegat ukoll, b'mod inkonsistenti fir-rigward ta' dan il-prinċipju ta' semplifikazzjoni, li l-appellanti kellha tikkontesta l-ħlasijiet ta' kull xahar kollha.

62 Skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali ġustament, b'risposta għar-riferiment magħmul mill-appellanti għall-Artikolu 141 KE, osservat li ebda diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess ma tirriżulta mid-deċiżjoni ENS.

63 Il-Kummissjoni ssostni li l-argument dwar l-allegata assimilazzjoni bejn iż-żwieġ u l-koppji *de facto* tressaq għall-ewwel darba fil-proċeduri tal-appell u għaldaqstant għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.

64 Barra minn hekk, għalkemm l-importanza tal-prinċipju tal-identiċità tar-remunerazzjoni għal servizzi ta' xogħol ekwivalenti għandha tkun evidentement rikonoxxuta, dan il-prinċipju ma huwiex rilevanti f'dan il-każ u ma nkisirx mis-sentenza appellata. Fi kwalunkwe każ, l-assimilazzjoni bejn iż-żwieġ u l-koppji *de facto* taħt is-sistema ta' allowances mogħtija lill-ENS għandha l-effett biss li testendi ukoll għall-ENS li jgħixu f'koppji *de facto* l-preżunzjoni li fuqha huwa bbażat l-Artikolu 20(3) tad-deċiżjoni ENS, li tipprovdi li ENS qed jaffaċċja inqas żvantaġġi meta huwa miżżewweġ lil persuna li tirrisjedi fil-post ta' sekondar u, għaldaqstant, jingħataw wkoll allowances imnaqqsa.

65 Barra minn hekk, il-fatt li, f'ċerti dispożizzjonijiet tas-sistema legali tal- Komunitarju, il-koppji legali huma espliċitament assimilati għall-koppji *de facto*, ma jwassal għal ebda obbligu ġenerali li ssir tali assimilazzjoni, speċjalment meta r-raġunijiet għal tali assimilazzjoni fl-imsemmija dispożizzjonijiet, b'mod partikolari, il-protezzjoni tal-ħajja tal-familja, ma humiex relatati mal-bażi tal-allowances ipprovduti fl-Artikolu 17 tad-deċiżjoni ENS.

66 Il-Kummissjoni tiddikjara li, meta sistema hija bbażata fuq kriterji konkreti u preċiżi, applikati b'mod oġġettiv, l-eżistenza ta' sitwazzjonijiet marġinali hija aċċettabbli sakemm l-elementi l-iktar importanti, bħall-użu effiċjenti tar-riżorsi tal-Komunità u, f'dan il-każ, it-tnaqqis fil-piż burokratiku għall-Kummissjoni fir-rigward tal-persuni ssekondati temporanjament mill-amministrazzjonijiet nazzjonali, jistgħu jiġu invokati.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

67 Fir-rigward tal-argument li jgħid li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta eżaminat l-eżistenza ta' diskriminazzjoni abbażi ta' sess, huwa biżżejjed li jiġi osservat li, kif jirriżulta wkoll mill-punt 22 tar-rikors ta' appell, l-appellanti espressament invokat quddiem il-Qorti Ġenerali l-ksur tal-Artikolu 141 KE. Issa, din id-dispożizzjoni hija espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza bejn is-sessi (ara s-sentenza tal-11 ta' Settembru 2007, Lindorfer vs Il-Kunsill, C-227/04 P, Ġabra p. I-6767, punt 50).

68 Għalhekk il-Qorti Ġenerali ġustament eżaminat jekk l-applikazzjoni tad-deċiżjoni ENS tistax tkun il-kawża ta' diskriminazzjoni abbażi ta' sess.

69 Sussegwentement, rigward l-argument tal-appellanti li jgħid li l-interpretazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali toħloq diskriminazzjoni kontra l-familja legali meta mqabbla ma' koppji *de facto,* din għandha tiġi kkunsidrata bħala ammissibbli. Fil-fatt, minn naħa, kif jirriżulta mir-rikors ippreżentat fl-ewwel istanza, b'mod partikolari fil-punt 33 tiegħu, l-appellanti invokat il-komparabbiltà ta' koppji legali, bħaż-żwieġ, u l-koppji *de facto* u, min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali espliċitament ħadet pożizzjoni f'dan ir-rigward fil-punt 31 tas-sentenza appellata.

70 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' trattament ugwali jew ta' nondiskriminazzjoni jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (sentenzi tal-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA, C-344/04, Ġabra p. I-403, punt 95; tat-12 ta' Settembru 2006, Eman u Sevinger, C-300/04, Ġabra p. I-8055, punt 57, kif ukoll Lindorfer vs Il-Kunsill, iċċitata iktar 'il fuq, punt 63).

71 Il-Qorti Ġenerali, wara li kkonkludiet, fil-punt 31 tas-sentenza appellata, li hemm nuqqas ta' diskriminazzjoni bejn l-appellanti, li kienet miżżewġa fil-mument tat-talba għal sekondar, u ENS li għandu status ta' persuna li ma hijiex miżżewġa, sa fejn l-istatus tagħhom ta' żwieġ huwa differenti, il-Qorti Ġenerali impliċitament ivvalidat il-kriterju tal-istatus ta' żwieġ bħala wieħed mill-kriterji korretti u xierqa sabiex jiġi ddeterminat l-ammont tal-allowance ta' kuljum li għandu jitħallas.

72 Issa, għandu jiġi rrilevat li l-iffissar ta' kundizzjonijiet għall-għoti ta' allowances lill-ENS jaqa' taħt l-eżeċizzju ta' setgħa diskrezzjonali mill-Kummissjoni. Bl-istess mod, il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jew ta' trattament ugwali jista' jinkiser biss fl-ipoteżi fejn l-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni ENS jinvolvi differenza arbitrarja jew manifestament inadegwata fir-rigward tal-għan ta' din id-dispożizzjoni.

73 F'dan ir-rigward, għandu jingħad li l-allowance hija mħallsa mill-Kummissjoni, kif din tal-aħħar spjegat, biex tikkumpensa għall-iżvantaġġi u għall-ispejjeż imġarrba mill-ENS minħabba li jinsab imbiegħed mill-post ta' residenza tiegħu. L-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni ENS huwa bbażat fuq preżunzjoni li tgħid li ENS jiffaċċja inqas żvantaġġi meta l-konjuġi tiegħu jirrisjedi, meta ssir it-talba għal sekondar, fil-post ta' sekondar.

74 L-appellanti ma tikkontestax din il-preżunzjoni bħala tali, iżda tqis li l-istatus ta' żwieġ ma huwiex l-uniku kriterju rilevanti u xieraq li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni f'dan ir-rigward u li l-koabitazzjoni tista' tpoġġi l-membri ta' koppja *de facto* fl-istess pożizzjoni bħall-koppji miżżewġa.

75 Għandu madankollu jiġi rrilevat li, għalkemm, f'ċerti aspetti, il-koppji *de facto* u l-koppji legali, bħaż-żwieġ, jistgħu jkollhom dan ix-xebh, dan ma jistax iwassal neċessarjament għal assimilazzjoni bejn dawn iż-żewġ tipi ta' koppji.

76 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-għażla tal-użu tal-kriterju tal-istatus legali ta' żwieġ ma tidhirx arbitrarja jew manifestament inadegwata fir-rigward tal-iskop tat-tnaqqis tal-ispejjeż għall-ENS, meta dawn tal-aħħar jsibu ruħhom f'sitwazzjonijiet fejn huwa possibbli li wieħed jassumi li huma jġarrbu, mill-istatus ta' żwieġ tagħhom, inqas spejjeż u żvantaġġi.

77 Barra minn hekk għandu jiġi rrilevat li l-appellanti, la quddiem il-Qorti Ġenerali u lanqas quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, ma allegatx speċifikatament trattament differenti bejn persuni miżżewġa meta mqabbla ma' persuni li jikkoabitaw fil-kuntest ta' sħubija registrata, jew semmiet li hemm prassi tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward.

78 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali ma ddiskriminatx kontra persuni miżżewġa meta mqabbla ma' persuni mhux miżżewġa li jgħixu f'koppja *de facto*, meta vvalidat il-kriterju ta' status ta' żwieġ, u billi kkunsidrat, fil-punt 31 tas-sentenza appellata, li l-appellanti, meta saret it-talba għal sekondar, ma kinitx ġiet diskriminata meta mqabbla ma' ENS mhux miżżewweġ, peress li l-istatus legali tagħha bħala mara miżżewġa kien distint minn dak ta' persuna mhux miżżewġa.

79 Konsegwentement, dan l-argument tal-appellanti għandu jiġi miċħud bħala infondat.

80 L-invokazzjoni, mill-appellanti, ta' sitwazzjonijiet differenti li fihom l-allowance ma huwiex imnaqqas bħala riżultat ta' tibdil sussegwenti fis-sitwazzjoni ta' ENS ma tistax tikkontesta din l-evalwazzjoni.

81 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, anki jekk f'sitwazzjonijiet marġinali, problemi okkażjonali għandhom jirriżultaw mill-istabbiliment ta' leġiżlazzjoni ġenerali u astratta, il-leġiżlatur ma jistax jiġi kkritikat li uża kategorizzazzjoni, ġaladarba din ma tkunx essenzjalment diskriminatorja fir-rigward tal-għan imfittex (sentenza tal-16 Ottubru, 1980, Hochstrass vs Il-Qorti tal-Ġustizzja 147/79, Ġabra p. 3005, punt 14). L-istess konklużjoni tapplika *a fortiori* f'ċirkustanzi fejn dawn is-sitwazzjonijiet marġinali jagħtu lok għal vantaġġi okkażjonali.

82 Ir-referiment tal-appellanti għad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunitajiet Ewropej u għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan ir-rigward huwa irrilevanti.

83 Minn naħa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà fakkret li l-ENS li huma okkażjonalment imqabbda mill-Kummissjoni ma għandhomx l-istatus ta' uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (ara, ukoll, is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2008, Adam vs Il-Kummissjoni, C-211/06 P, punt 52).

84 Min-naħa l-oħra, l-appellanti ma wrietx b'liema mod l-interpretazzjoni tal-Qorti Ġenerali tikser il-prinċipju tal-protezzjoni tal-ħajja tal-familja, kif garantita mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

85 Fl-aħħar nett, l-argumenti li bihom l-appellanti kkritikat il-pożizzjoni meħuda mill-Kummissjoni qudiem il-Qorti Ġenerali huma inammissibbli. Fil-fatt, skont l-Artikolu 225 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-appell mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali huwa limitat għal punti ta' liġi u ta' fatt u għandu jkun ibbażat fuq aggravji dwar l-inkompetenza tal-Qorti Ġenerali, fuq ksur tal-proċedura quddiemha li tagħmel ħsara lill-interessi tal-appellanti kif ukoll il-ksur tad-dritt Komunitarju mill-Qorti Ġenerali (ara, b'mod partikolari, id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Mejju 2001, FNAB *et* vs Il-Kunsill, C-345/00 P, Ġabra p. I-3811, punt 28, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

86 Issa, l-appellanti, meta tikkontesta l-pożizzjoni li ħadet il-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali, tfittex li tikseb sempliċi rieżami tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, u dan ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-4 ta' Lulju 2000, Bergaderm u Goupil vs Il-Kummissjoni, C-352/98 P, Ġabra p. I-5291, punt 35).

87 It-tielet parti tal-ewwel aggravju għandha, għalhekk, tiġi miċħuda bħala parzjalment infondata u parzjalment inammissibbli.

d) Fuq ir-raba' parti tal-ewwel aggravju

1) L-argumenti tal-partijiet

88 Permezz tar-raba' parti tal-ewwel aggravju, ippreżentata sussidjarjament, l-appellanti tikkritika lill-Qorti Ġenerali li enfasizzat biss, fil-punt 31 tas-sentenza appellata li, skont l-atti tal-proċess, l-appellanti baqgħet miżżewġa tul is-sekondar tagħha, minkejja li hija kienet talbet li l-allowances jitħallsu kompletament sa mit-2 ta' Frar 2005, id-data tas-separazzjoni *de facto*, jew, subordinatament mill-4 ta' Lulju 2005, id-data tal-preżentata tal-att ta' divorzju. Is-sentenza appellata b'hekk għandha motivazzjoni difettuża, minħabba li ma tindikax b'mod ċar ir-raġunament loġiku u legali li segwiet il-Qorti Ġenerali.

89 Barra minn hekk, il-ħtieġa, għad-determinazzjoni tal-ammont ta' allowances dovuti, li jsir riferiment għas-sitwazzjoni tal-ENS kif kienet fil-mument meta saret it-talba għal sekondar, irrispettivament minn kull tibdil sussegwenti, ma ġietx ikkonfermata mit-test tad-dispożizzjonijiet applikabbli.

90 L-appellanti tallega li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni hija kkaratterizzata minn kontradizzjonijiet, sa fejn il-proposta magħmula minnha lill-appellanti, jiġifieri li din tal-aħħar tippreżenta rikors kontra l-ħlasijiet fix-xahar, hija kompletament inkoerenti minħabba l-kontradizzjoni tagħha mal-prinċipju ta' semplifikazzjoni. Barra minn hekk, il-pożizzjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tikkontrolla kontinwament l-istatus tal-ENS tiddgħajjef bil-fatt, aċċettat minn din tal-aħħar, li każijiet li jistgħu jkun hemm reviżjoni tagħhom huma rari.

91 Il-Kummissjoni tirrispondi li l-raba' parti tal-ewwel aggravju hija parzjalment inammissibbli u, fi kwalunkwe każ, infondata.

92 Fl-ewwel lok, l-ebda motivazzjoni addizzjonali ma għandha tingħata dwar xi fatt assolutament inkontestabbli, jiġifieri li ebda tibdil fl-istatus legali tal-appellanti ma seħħ matul il-perijodu ta' sekondar, peress li dan il-punt ta' fatt iservi, fi kwalunkwe każ, biss sabiex jissostanzja r-raġunament tal-Qorti Ġenerali li bih l-appellanti ma setgħetx ġiet diskriminata meta mqabbla ma' ENS li mhux miżżewweġ peress li hija kienet miżżewġa u l-istatus legali ta' mara miżżewġa huwa distint minn dik ta' persuna mhux miżżewġa.

93 Fit-tieni lok, l-appellanti, meta tinvoka nuqqas ta' motivazzjoni li ma jeżistix f'dan il-każ, effettivament tfittex li tikseb sempliċi rieżami mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-argumenti diġà mqajma u miċħuda fl-ewwel istanza dwar il-ħtieġa li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bidliet fiċ-ċirkustanzi personali tal-ENS li seħħew matul il-perijodu ta' sekondar tiegħu.

94 Fit-tielet lok u fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni ENS jeżiġi li tiġi vverifikata l-eżistenza tat-tnaqqis tal-allowances meta ssir it-talba għal sekondar lill-Kummissjoni.

ii) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja.

95 Għandu, l-ewwel nett, jitfakkar li, skont l-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni ENS, għad-determinazzjoni tal-post ta' residenza tal-ENS, il-post ta' residenza ta' dan tal-aħħar għandu jkun stabbilit fil-mument meta ssir it-talba għal sekondar.

96 Barra minn hekk, l-argument tal-appellanti li jsostni li l-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali, li tgħid li l-mekkaniżmu tal-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni ENS huwa applikabbli

darba għal dejjem għal kull ENS u li l-mument meta ssir it-talba għal sekondar jikkostitwixxi l-mument ta' evalwazzjoni rilevanti għad-determinazzjoni tal-post ta' residenza, ma għandu l-ebda bażi fit-test tad-deċiżjoni ENS, huwa kontradett mill-formulazzjoni stess tal-imsemmi Artikolu 20(3)(b).

97 Fit-tieni lok, l-ilmenti relatati mal-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Qorti Ġenerali għandhom ukoll jiġu miċħuda. Fil-fatt, peress li l-Qorti Ġenerali kkonstatat, ġustament, li l-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni tal-ENS twettqet darba għal dejjem fil-mument meta saret it-talba għal sekondar, din il-konstatazzjoni rrispondiet b'mod suffiċjenti fil-liġi għall-argument tal-appellanti li jgħid li l-allowance kollu għandu jitħallas mill-mument tas-separazzjoni *de facto* jew mill-mument tal-preżentata tal-att ta' divorzju. Dawn il-bidliet fl-istatus legali tal-appellanti, għaldaqstant, ma setgħux ikunu rilevanti.

98 Barra minn hekk, huwa biss għall-kompletezza li l-Qorti Ġenerali rrilevat li l-appellanti baqgħet miżżewġa matul il-perijodu kollu tas-sekondar tagħha. Issa, kif tfakkar fil-punt 52 iktar 'il fuq, l-ilmenti li saru kontra motivi inklużi biss għal finijiet ta' kompletezza ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u għalhekk huma ineffettivi.

99 Rigward, fit-tielet lok, l-argumenti tal-appellanti intiżi li juru l-inkonsistenza tal-pożizzjoni tal-Kummissjoni, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-appellanti tfittex sempliċi rieżami tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali, u, skont il-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 85 u 86 ta' din is-sentenza, dan ma jaqax taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' appell.

100 Minn dan isegwi li r-raba' parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda.

3. Fuq it-tieni aggravju, ibbażat fuq żball ta' liġi li wettqet il-Qorti Ġenerali meta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 20(3)(d) tad-deċiżjoni ENS

a) L-argumenti tal-partijiet

101 L-appellanti tikkunsidra li, meta ċaħdet bħala inammissibbli l-eċċezzjoni ta' illegalità, fis-sens tal-Artikolu 241 KE, imqajma fir-rigward tal-Artikolu 20(3)(b) tad-deċiżjoni ENS, il-Qorti Ġenerali wettqet motivazzjoni difettuża, peress li l-appellanti kienet spjegat b'mod iddettaljat u li jinftiehem mill-ewwel il-motivi ta' fatt u ta' liġi invokati insostenn tat-talba tagħha. Hija indikat fis-seduta, quddiem il-Qorti Ġenerali, li l-eċċezzjoni ta' illegalità tiżdied mar-raġunijiet sottostanti tal-ilment ta' trattament inugwali diġà spjegati. Minn dan jirriżulta biċ-ċar li r-riferiment għall-Artikolu 241 KE kienet intiża sabiex tinkiseb deċiżjoni fuq il-kwistjonijiet mressqa, anki fl-ipoteżi ta' rikors ippreżentat tard.

102 Il-Kummissjoni ssostni li ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' illegalità fil-punti 35 sa 37 tas-sentenza appellata hija motivata b'mod adegwat.

b) Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

103 Skont it-titolu tat-tieni aggravju kif jinsab fl-atti tal-appellanti, hija tikkritika lill-Qorti Ġenerali li naqset mill-obbligu ta' motivazzjoni, meta ċaħdet l-eċċezzjoni ta' illegalità skont l-Artikolu 241 KE. Madankollu, jirriżulta mill-punti 123 sa 125 ta' dan ir-rikors li l-appellanti fir-realtà tikkontesta l-fondatezza ta' din iċ-ċaħda. L-appellanti

tikkunsidra li, kuntrarjament għal dak li ġie deċiż mill-Qorti Ġenerali, ir-rikors tagħha kien skont ir-regoli ta' ammissibbiltà, imsemmija fil-punt 35 tas-sentenza appellata.

104 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali hija obbligata tiċħad bħala inammissibbli kap tat-talbiet tar-rikors li jiġi ppreżentat lilha ġaladarba l-punti essenzjali ta' fatt u ta' liġi li fuqhom ikun ibbażat dan il-kap tat-talbiet ma jirriżultawx, b'mod koerenti u li jinftiehem, mit-test tal-istess rikors, peress li n-nuqqas ta' tali punti fir-rikors ma jistax jiġi rrimedjat billi dawn jiġu ppreżentati waqt is-seduta (ara s-sentenza tat-18 ta' Lulju 2006, Rossi vs UASI, C-214/05 P, Ġabra p. I-7057, punt 37).

105 F'dan il-każ, fil-punt 36 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-appellanti ddikjarat biss l-aggravju bbażat fuq l-eċċezzjoni ta' illegalità b'mod astratt ħafna fl-atti tagħha, mingħajr ma indikat preċiżament f'hiex jikkonsisti l-ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza li hija tallega.

106 Issa, l-appellanti ma ressqet ebda argument quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tali li juri li, kuntrarjament għal dak li ġie deċiż mill-Qorti Ġenerali, ir-rikors ippreżentat quddiemha kien fih punti speċifiċi ta' fatt u ta' liġi insostenn tal-eċċezzjoni ta' illegalità invokata, peress li l-indikazzjoni stabbilita fis-seduta, li biha l-punti ta' fatt u ta' liġi li fuqhom huwa bbażat l-ewwel aggravju huma l-bażi wkoll tal-eċċezzjoni ta' illegalità, ma hijiex rilevanti f'dan ir-rigward, kif jirriżulta mill-ġurisprudenza msemmija fil-punt 104 ta' din is-sentenza.

107 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqet ebda żball ta' liġi u t-tieni aggravju għandu jiġi miċħud bħala infondat.

B — *Dwar l-appell sa fejn jtirrigwarda l-kundanna għall-ispejjeż*

1. L-argumenti tal-partijiet

108 Skont l-appellanti, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi u motivazzjoni difettuża meta kkundannatha għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni. Fil-fatt, minn naħa, peress li l-ENS għandu jiġi kkunsidrat bħala impjegat tal-Kummissjoni, id-dispożizzjoni ġenerali tal-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali ma kienx applikabbli f'dan il-każ u, min-naħa l-oħra, għalkemm din il-kwistjoni ġiet espliċitament invokata, il-Qorti Ġenerali ma pprovdietx ir-raġunijiet għaliex il-pożizzjoni legali tal-ENS ma hijiex identika jew assimilata għal dik ta' uffiċjali u ta' aġenti.

109 Barra minn hekk, in-novità u l-kumplessità tal-kwistjonijiet legali, kif ukoll l-aġir adottat fit-tul mill-Kummissjoni, jikkostitwixxu motivi eċċezzjonali li kellhom iwasslu lill-Qorti Ġenerali, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 87(3) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż kollha.

110 Il-Kummissjoni ssostni li, peress li l-appellanti kienet SNE, li sitwazzjoni tiegħu hija biċ-ċar distinta minn dak ta' uffiċjali u ta' aġenti tal-Kummissjoni, il-kwistjoni taqa' taħt l-Artikolu 230 KE u, għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet dwar l-ispejjeż fil-kawżi relatati mal-uffiċjali jew mal-aġenti tal-Kummissjoni ma kinux applikabbli. Barra minn hekk, l-imsemmija kwistjoni ma tiżvela ebda motiv eċċezzjonali li jwassal lill-Qorti Ġenerali li taqsam jew li tikkumpensa għall-ispejjeż.

2. Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

111 Għandu jitfakkar li, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja "l-appell ma jistax isir biss fuq l-ammont ta' l-ispejjeż u fuq min għandu jħallashom". Barra minn hekk, hija ġurisprudenza stabbilita li, fl-ipoteżi li l-aggravji l-oħra kollha ta' appell ikunu ġew miċħuda, it-talbiet li jirrigwardaw l-allegata illegalità tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali fuq l-ispejjeż għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli skont din id-dispożizzjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Settembru 1995, Henrichs vs Il-Kummissjoni, C-396/93 P, Ġabra p. I-2611, punti 65 u 66; tat-12 ta' Lulju 2001, Il-Kummissjoni u Franza vs TF1, C-302/99 P u C-308/99 P, Ġabra p. I-5603, punt 31, kif ukoll tas-26 ta' Mejju 2005, Tralli vs BĊE, C-301/02 P, Ġabra p. I-4071, punt 88).

112 Minn dan isegwi li, sa fejn l-aggravji l-oħra tal-appell tal-appellanti huma miċħuda, l-aħħar aggravju dwar it-tqassim tal-ispejjeż għandu jiġi ddikjarat inammissibbli.

VI — Fuq l-ispejjeż

113 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura tal-appell taħt l-Artikolu 118 ta' dawn l-istess regoli, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress illi C. Gualtieri tilfet, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) L-appell huwa miċħud.

2) C. Gualtieri hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem